# L-arti siekta

Fil-ħarġa tal-ktieb 1998, kellna relazzjoni dwar il-pittura ta' Ġ. Calì bejn il-lunetti fir-Rotunda (pg. 41). Il-benefattur ta' din l-opra kien il-kappillan Dun Pawl Xuereb, li fil-lunnetta li turi l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet hemm bħala tifkira l-arma tiegħu. Toni Terribile jissokta jagħti ħarsa lejn xogħlijiet artistiċi oħra fir-Rotunda.

### Dawra mal-knisja

L-artal sabiħ fil-kor taħt il-korpsant ta' San Paċifiku, qaddis martri ta' l-ewwel żminijiet tal-Knisja, hu artal sabiħ tal-knisja l-qadima.

Il-koppla maestuża fiha dekorazzjonijiet magħmula skond id-disinn ta' Grognet, li ma jistax ikun li ma tiġbidx l-ammirazzjoni ta' kull min jidħol fir-Rotunda. Jekk ix-xogħlijiet ta' Calì bejn il-lunetti jiġbdu l-attenzjoni, l-istess jagħmlu l-14-il kwadru tal-Via Sagra, biċċa xogħol sabiħa oħra ta' pittura magħmula mill-pittur Buhagiar fis-seklu tmintax. Id-dettalji li fihom xi whud minnhom huma tabilħaqq artistiċi. Jekk sabiħa hija l-pittura, daqshekk ieħor nistgħu ngħidu għall-gwarniċi li jdawruha.

Dawn huma biċċa xogħol sabiħa fl-injam magħmula minn Antonio Agius. L-iskultura sabiħa u preċiża li fihom, kollha magħmula bl-idejn, hi xhieda ta' ħila mill-aqwa. Mad-dawra tagħha, il-knisja għandha sitt artali u fuq kull wieħed minnhom naraw kwadru, imbagħad fuq kull naħa ta' dan il-kwadru naraw żewġ kwadri laterali. L-ewwel kwadru jirrappreżenta lill-Madonna tar-Rużarju flimkien ma' San Duminku u Santa Katarina ta' Siena. Hu kwadru interessanti ħafna fil-karriera artistika ta' Ġużeppi Calì, għax dan hu l-ewwel li għamel Calì għall-knejjes tagħna. Il-kappillan Xuereb inkoraġġixxa lil Calì biex jagħmel dan il-kwadru. Kien fil-bidu ta' bosta xogħlijiet oħra fil-knejjes tagħna. Ħdejn dan il-kwadru naraw żewġ kwadri laterali. Fl-ewwel wieħed tidher ix-xena ta' San Duminku jwassal il-messaġġ tar-Rużarju fil-konfront tiegħu kontra l-Albiġiniżi, li kienet setta li kienet qiegħda ixxerred tagħlim żbaljat. Għalhekk f'din il-pittura naraw lil San Duminku, jgħaffeġ b'saqajh il-kotba ta' l-ereżija u jippreżenta lill-ġemgħa ta' quddiemu l-kuruna tar-Rużarju. Fil-pittura l-oħra naraw lil Santa Katarina ta' Siena tikkonvinċi lill-Papa Girgor XI biex iħalli Avignon u jerġa' lura lejn Ruma. F'dawn iż-żewġ kwadri wieħed jista' jara għal darb'oħra l-kapaċitajiet tal-pittur Calì.

Il-kwadru ta' l-artal jurina ġrajja li naqraw fil-ktieb ta' **l-Atti ta' l-Appostli,** il-konverżjoni ta' San Pawl fit-triq ta' Damasku, impitter minn Salvu Barbara, li ħadem ukoll iż-żewġ kwadri laterali.

Fiż-żewġ kwadri laterali għandna żewġ ġrajjiet oħra meħuda mill-ktieb ta' l-**Atti ta' l-Appostli.** Fl-ewwel wieħed naraw lil San Pawl ifejjaq lil missier San Publju u l-qtugħ ta' ras San Pawl fil-belt ta' Ruma.

➥ ikompli paġna 14

mivar
The Ultimate in T.V. Technology
Find out about the ultra special
Mivar prices and guarantees!
Availeble in 14", 16", 20", 21" 25", 28" and 33"
rotunda
9, Congress Road, Mosta
Tel: 411197 Fax: 433634

# L-arti siekta

➡ minn paġna 13

Il-kwadru ta' l-artal l-ieħor jirrappreżenta lill-Madonna taċ-Ċintura magħmul minn Stefano Erardi. Dan il-kwadru kien fil-knisja l-qadima u meta tpoġġa f'din il-knisja kellu jitkabbar. Fih, barra Santu Wistin u Santa Monika, naraw ukoll lil Sant'Anna u lil San Ġwakkin.

Jakkompanjaw lil dan il-kwadru naraw tnejn oħra, impittra minn Ġużeppi Calì. Fl-ewwel wieħed hemm l-anġlu jwassal lil Santa Monika l-messaġġ tal-konverżjoni ta' binha Santu Wistin. Fir-rokna tax-xellug għandna d-dehra tal-magħmudija ta' Santu Wistin minn San Ambroġ.

Fil-kwadru l-ieħor, il-pittur Calì tana x-xena tal-mewt ta' Santu Wistin. Il-figura maestuża tal-qaddis, mixħut fuq sodda tiddomina l-kwadru li fih bosta dettalji interessanti oħra.

Il-kwadru l-ieħor għandu rabta mal-ġrajja tal-pesta għax fih naraw impittra it-tliet qaddisin padruni ta' din il-marda qerrieda, jiġifieri lil Santu Rokku, lil San Bastjan u lil Santa Rożalija. Dan hu xogħol ieħor, tal-pittur Stefano Erardi, kwadru li kien ilu żmien meqjum fil-knisja l-qadima tal-Mosta.

Iż-żewġ kwadri laterali tpittru minn Rafel Caruana. Fl-ewwel wieħed naraw il-proċess ta' San Bastjan. F'din il-biċċa xogħol il-pittur qiegħed bosta persunaġġi b'ħafna ilwien u bl-imperatur bilqiegħda jisma' liż-żagħżugħ Sebastjan jegħleb it-tagħlim tiegħu.

IL-kwadru ta' quddiem jurina lil San Franġisk Saverju jassisti moribond Indjan.

Il-kwadru ta' l-artal l-ieħor juri ż-żwieġ tal-Madonna ma' San Ġużepp. Dan il-kwadru nħadem minn Ġużeppi Bonnici fl-1859 taħt it-tmexxija ta' Tommaso Minardi.

Iż-żewġ kwadri laterali ta' dan il-kwadru saru minn idejn differenti. Fl-ewwel wieħed naraw il-Familja Mqaddsa tistrieħ waqt il-ħarba lejn l-Eġittu. Dan tpitter minn Ġużeppi Bonnici, filwaqt li l-ieħor, li jirrappreżenta l-mewt tal-qaddis, tpitter minn Salvu Barbara.

➡ ikompli paġna 15



Iż-żwieġ ta' Ġużeppi ma' Marija – Kwadru mill-isbaħ ta' Ġużeppi Bonnici li sar fl-1859. Dan il-kwadru jinsab fil-kappella ta' San Ġużepp (ritratt Ruben Chetcuti)




## L-arti siekta

➡ minn paġna 14

L-aħħar kwadru jagħti d-dehra ta' Ġesù msallab (impitter minn Injazju Cortis.) Dan hu magħdud fost l-aħjar xogħljiet ta' l-artist. Il-figura ta' Gesù Kurċifiss hi maestuża ħafna sew fix-xogħol ta' l-anatomija u kemm fil-ħarsa t'għajnejh. Iż-żewġ kwadri laterali ta' dan l-artal naraw fihom żewġ ġrajjiet oħra marbuta mal-Passjoni ta' Kristu. Dawn saru minn Ġużeppi Bonnici. Fl-ewwel Ġesù hu kkonfortat minn żewġ anġli fil-ġnien taż-żebbuġ u fl-ieħor għandna d-dehra tad-depożizzjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Mad-dawra ta' din il-knisja wieħed jista' jara numru ta' monumenti ta' l-irħam imwaqqfa f'ġieh persunaġġi b'rabta ma' din il-knisja bħalma hu Dun Feliċ Calleja, li kien il-kappillan li ta bidu għall-bini tar-Rotunda, ta' Dun Ġammari Schembri, li temm il-bini, ta' Giorgio Grognet, l-arkitett, ta' Anġlu Gatt, il-bennej, ta' l-Arċipriet Pawl Xuereb u tal-benefatturi Dun Mikelanġ Mifsud u Karmenu Dimech.

Dawn huma kollha ta' stil sempliċi iżda sbieħ u dettaljati fix-xogħol tagħhom. L-istess nistgħu ngħidu għax-xogħol ta' intarsjar li naraw fil-lapidi ingastati fil-kappelli.

Is-sagristija ta' din il-knisja hi wkoll imżejna b'bosta kwadri u ħwejjeġ oħra. Hemm għadd ta' kwadri tal-Kappillani u l-Arċiprieti tal-Mosta. Ma' dawn insibu kwadru tal-Madonna tal-Karmnu u ta' qaddis ieħor martri li t-tnejn li huma għandhom xogħol mill-isbaħ. (Għal aktar dettalji, ara ktieb 1991, pg 59). Is-sett tal-kaxxarizzi li naraw f'din is-sagristija fihom xogħol sabiħ ta' skultura, u ingastat fuqhom kwadru tad-Duluri magħmul minn Erardi. L-erba' kwadri ta' San Stiefnu, San Ġwann, San Gakbu u San Filippu Neri saru wkoll mill-istess pittur u għadhom tifkira tal-knisja l-qadima.

L-istatwa ta' Ġesù Redentur, mqiegħda f'post ċentrali f'din is-sagristija, hija waħda mill-istatwi sbieħ tal-Ġimgħa l-Kbira, magħmula mill-istatwarju Malti Carlo Darmanin fis-seklu dsatax. ■

*Tony Terribile*



San Filippu Neri — wieħed mill-erba' kwadri sbieħ tal-pittur Stiefnu Erardi


# Guido's Photo Studio

***Professional Photography and Digital Video for Weddings, Engagements etc.***

***New fully equipped Studio. Photo Sessions by appointment.***

***Photos on Canvas or Laminated.***

***Photo Restoration. Remove scratches, tears and stains, add or remove people and objects.***

***Wide range of Arqadia and Outer Edge ready-made frames***



**Simon Theuma**
**LMPA (UK) 1997**
**LBIPP (UK) 1998**

**139, Eucharistic Congress Rd. Mosta**
**Tel: 412659 Fax: 417512**